

**IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK**

# STEJJER MILL-KOTRA MQADDSA

## ANTIK TESTMENT

### IZAKK JIZZEWWEG LIR-REBEKKA

Meta Abram xjieh u Alla bierku b'kull mod, sejjah lil wiehed mill-qaddejja l-aktar anzjani u talbu jwieghdu li qatt ma jhalli lil ibnu jizzeweg xi wahda minn ulied il-Kananiti li fosthom kien jghix, imma li jmur f'belt twelidu ghand niesu u hemm jipprokura mara ghal ibnu.

"Forsi x-xbejba ma tkunx trid tigi u tghix f'din l-art' " qallu l-qaddejj. Allura irrid niehu lil ibnek f'dik l-art li minnha gejt?"

U Abram wiegbu: " Ara li ma tiehux lura lil ibni f'art missirijieti. Alla li harigni minn dar missirijieti u li weghdni li jaghti lil uliedi din l-art jibghat l-anglu tieghu quddiemek u inti issib il-mara ghal ibni. Imma jekk din il-mara ma tkunx trid tigi, inti mahlul mill-weghda tieghek." Il-qaddej wieghed lil sidu Abram li jaghmel kif ordnalu.

Il-qaddej ha mieghu ghaxar igmla mghobbija bir-rigali u telaq ghal ghand Nahor. Meta wasal filghaxija huwa waqaf hdejn il-bir f'hin li n-nisa jigu hemm biex jimlew l-ilma. Imbaghad talab hekk: " O Alla nitolbok li lil dik il-mara li nghidilha biex taghtini nixrob twegibni 'Ixrob inti u jiena nisqilek ukoll l-iglma tieghek ' - minn hawn naghraf li tkun hija li inti ghazilt biex tkun il-mara ta' Isakk."

Anqas lahaq spicca jitlob li Rebekka, in-neputija ta' Nahor, hu Abram resqet lejn il-bir biex timla' l-ilma. Appena ghamlet hekk il-qaddej ta' Abram resaq fuqha u talabha tixrob. Hija mhux biss taghtu izda qaltlu li ser timla aktar ilma biex tisqi lil igmla tieghu.

Hekk kif l-igmla temmew jixorbu il-qaddej hareg curket u zewg brazzuletti u





tahomlha.  Staqsiha: "   Min hu missierek? Ghidli nitolbok.  Hemm xi karma fejn nista' nghaddi l-lejl?"



"Jiena nigi n-neputija ta' Milach u Nahor. Ghandna  hafna wisa' ghalik biex tghaddi l-lejl maghna. U anke ghall-igmla tieghek ghandna tiben x'naghtuhom ghal ikel."

Ir-ragel nizel wiccu ma' l-art u irringrazzja lil Alla li kollox kien miexi skond il-pjan.

Rebecca marret tigri tghid kollox lil ommha.  Kellha huha jismu Laban li hareg biex jilqa' lil dan ir-ragel qaddej ta' Abram, hdejn in-nixxiegha ta' l-ilma.

Laban dahhlu gewwa u wara li hasillu saqajh tah jiekol lilu flimkien mal-qaddejja l-ohra u lil iglma tieghu wkoll. Imma qabel ma beda jiekol, il-qaddej ta' Abram qal: " Ma niekolx qabel ma nghidilkom ghaliex jiena gejt hawn"



## IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

"Tkellem," qalulu.

"Jiena il-qaddej ta' Abram li Alla bierek b'benedizzjoni kbira tant li sar bniedem ghani hafna. Ipprovdilu hafna merhliet, qaddejja, deheb u fidda u annimali ohra.  Il-mara ta' Abram kellha tarbija . Sidi riedni naghtih il-kelma tieghi li ma nhallix lil ibnu jizzewweg xi Kananita, izda qalli mur ghand niesi u hemm siblu mara."

U hawn il-qaddej irrakonta l-istorja kollha mill-bidu ta' meta Abram ordnalu biex jitlaq ghal ghand niesu u l-iskop tal-vizta tieghu u x'ghamel biex jilhaq l-ghan li ghalih kien mar hemm.

" Ghiduli x'ser tkun ir-risposta taghkom, intom ser thallu lir-Rebekka tigi mieghi biex tizzewweg lil Isakk iben Abram.  Ghiduli biex jiena nkun naf x'ser naghmel."

Laban imbaghad wiegeb: " Ahna la nistghu nghidu iva u anqas le. Ara Rebekka qieghda hawn quddiemek.  Hudha biex tkun il-mara ta' Izakk bhal ma qallek Alla."

Meta sema' hekk il-qaddej ta' Abram nizel wiccu ma' l-art jadura lil Alla.  Ta lir-Rebekka rigali tad-deheb u fidda u ilbies sabih u ma naqasx li joffri wkoll doni lil qrabat Rebekka.  Imbaghad kiel hu,  u l-qaddejja tieghu u strahu matul il-lejl fil-post li offrewlhom.

L-ghada filghodu il-qaddej flimkien ma' Rebekka u l-qaddejja taghha telqu ghal ghand Abram. Il-familja ta' Nahor bierket lir-Rebekka u xtaqitilha kull risq u hafna wlied.

Izakk mar fil-ghalqa bhas soltu biex jitlob u lemah lill-qaddej ta' missieru gej ma' Rebekka.  Hija marret fit-tinda ta' Sarah ommu u ftit taz-zmien wara huma zzewgu.



# IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

Wiegeb dawn il-mistoqsijiet:

1.Xi xtaq Abram ghal ibnu Isakk?

2. X'resqet taghmel Rebekka hdejn il-bir?

3. X'talabha taghmel il-qaddej ta' Abram lir-Rebekka?

4.Kienet generuza Rebekka ghat-talba tal-qaddej ta' Abram?

5.Min kien Laban u x'kienet l-attitudni tieghu lejn dan il-vjaggatur, il-qaddej ta' Abram?